VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 24 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2017 biex jemendew ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2017 biex jemendaw ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004, ippubblikati bħala Avviż Legali 127 tal-2004, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Diċembru, 2016 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 52 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 52 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"52. F'kull sena akkademika, l-istudenti għandhom jikkwalifikaw biex jiġu evalwati mill-ġdid biss f'dawk it-taqsimiet studju li ma jkollhomx aktar minn 20 kredtu."

L-Emenda għar-regolament 67 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok ir-regolament 67 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"67. L-istudenti li, fi tmiem xi sena akkademika ta' studju, ikun jonqoshom aktar minn 20 mill-kredti meħtieġa għal dik is-sena inklużi l-kredti għal taqsimiet studju riferiti m'għandux jingħatalhom iċ-ċans ta' valutazzjoni riparatorja f'xi

VERŻJONI ELETTRONIKA

waħda mit-taqsimiet studju li jkunu weħlu fihom mill-programm tas-sena kurrenti tagħhom iżda jkunu eliġibbli għal valutazzjoni riparatorja għal xi taqsima jew taqsimiet riferita/i li weħlu minnha/minnhom. Dawn l-istudenti għandhom jiġu mitluba jirrepetu s-sena jekk wara s-sessjoni riparatorja jkunu għaddew mit-taqsimiet riferiti u jekk ikunu jikkwalifikaw skont dawn ir-regolamenti. Jekk ma jkunux jikkwalifikaw biex jirrepetu s-sena, l-istudenti jkollhom iħallu l-Kors."

L-Emenda għar-regolament 74 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok ir-regolament 74 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"74. L-istudenti jistgħu jitħallew biss jerġgħu jidħlu f'kors skont kif stipulat fir-Regolamenti għad-Dħul tal-2016. Meta jerġgħu jidħlu fil-Kors, l-istudenti jkunu meħtieġa jsegwu l-Programm ta' Studju li jkun applikabbli għal dik is-sena u jkunu meħtieġa jsegwu t-taqsimiet studju kollha, anke dawk li jkunu għaddew minnhom fil-Kors li weħlu minnu."